**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT**
**DR. CAROL M. PERALTA LL.D.**

**AWLA 7**

**Illum 20 ta' Mejju 2002**

**Pulizija**
**Spettur David Saliba**

**Vs**

**David Xuereb**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra David Xuereb, ta' 29 sena, bin Carmel u Josephine xebba' Frendo imwieled Pieta' fl-4 ta' Jannar 1973 u joqghod 'La Chanel', 104, Triq il-Lampara, Bahar ic-Caghaq, limiti ta' Naxxar, bin-numru tal-identita' 42873M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur u qabel it-3 ta' Awissu 2001, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ai termini tal-artikolu 18 tal-Kodici Kriminali, Kap 9;

Ukoll talli fit-3 ta' Awissu 2001, u fix-xhur ta' qabel, f'Tas-Sliema f'hinijiet differenti tal-gurnata ikkommetta serq ta' oggetti eletronici u cioe' DVD's u loghob tal-playstation mill-hanut 'Exotique Record Shop' sitwat fi Triq Manwel Dimech, Tas-Sliema liema oggetti jiswew aktar minn elf lira maltin (Lm1000) liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u dan sar ghad-dannu ta' Grace Borg;

Kif ukoll talli f'Malta, f'dati, hinijiet u fl-istess cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati breat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Wara illi rat l-artikoli 261 c, 267, 279 b. 280, 334, 20, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imsemmi David Xuereb hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Fir-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li semghet it-trattazzjoni taz-zewg partijiet u wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien sentejn (2) mil-lum, a tenur tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152. Din il-Qorti, qeghda tillibera lill-istess David Xuereb mill-akkuza ta' ricettazzjoni.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-senteneza lill-imputat.

MAGISTRAT.